# KUNSILL LOKALI MTARFA

## IL-ĦAMES LEĠIŻLATURA
## MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL
## LAQGĦA NUMRU 39 – IT-TNEJN 30 TA' APRIL 2012
## LAQGĦA B'URĠENZA

Il-Kunsill iltaqa' fis-Sala tal-Kunsill Lokali Mtarfa fis-6:45pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti : | Anthony Mifsud | Sindku |
| | Simon Paul Fenech | Viċi Sindku |
| | Helen Maria Bugeja | Kunsillier (waslet fis-7:15pm) |
| | Anatole Scerri Diacono | Kunsillier |
| | Josette Micallef | Segretarju Eżekuttiv |
| Skużat: | Antoine Vella | Kunsillier |

Attenda l-*accountant* tal-Kunsill matul il-laqgħa kollha.

### 1. APPROVAZZJONI TAL-FINANCIAL STATEMENTS VERIFIKATI

1.1 Inġibdet l-attenzjoni li din il-laqgħa ġiet mgħajjta sabiex jiġu approvati l-*financial statements* wara li ġew verifikati u saru l-aġġustamenti meħtieġa u li skont il-liġi għandhom jiġu sottomessi lill-awdituri sa nhar l-Erbgħa 2 ta' Mejju.

1.2 Għaldaqstant stieden lill-*accountant* tal-Kunsill sabiex jagħti l-ispjega tagħhom.

1.3 Is-Sur Caruana informa li kien għamel numru ta' aġġustamenti skont kif issuġġeriti mill-awdituri. Prinċiparjament dawn kienu jikkonsistu f'aġġustament fid-dħul magħmula minn €7000 mill-Iskema tal-Attivitajiet (*Military Mtarfa* 2012), €2350 minn xogħlijiet ta' *re-instatements* tal-Korporazzjoni tal-Ilma u €515 *accrued income* tal-LES fost oħrajn, liema dħul kien daħal kollu wara l-31 ta' Diċembru 2011.

1.4 Is-Sur Caruana informa wkoll li kien hemm aġġustamenti wkoll fir-rigward tal-ispejjeż fejn kien hemm tnaqqis minn €13000 għal €6599 fir-rigward tal-kontijiet tal-Perit Robert Musumeci, kif ukoll aġġustament ieħor fir-rigward tat-*tipping fees* tal-WasteServ.

1.5 Hawnhekk daħlet il-Kunsilliera Bugeja. Il-ħin kien is-7:15pm.

1.6 Minħabba li kien hemm inċertezza jekk il-kont tal-WasteServ kienx ta' €10987.90 jew €11354, wara kunsiderazzjoni kien hemm qbil li l-*accountant* għandu jħalli s-somma hekk kif imniżżla mill-awdituri iżda għandu jivverifika u jikkonferma s-somma eżatta li għandha titħallas wara li jagħmel rikonċiljazzjoni. Dan wara li bi żvista jidher li matul is-sena 2011 ma sar l-ebda ħlas lil WasteServ.

1.7 Fl-aħħarnett is-Sur Caruana informa li matul is-sena 2011, il-Kunsill kien ħadem b'serjetà u b'responsabbiltà u dan jixhdu l-fatt li rnexxielu jispiċċa s-sena b'€15887 minn fuq (*surplus*).

1.8 Il-*financial statements* kif aġġustati ġew approvati *nem con* u ffirmati mis-Sindku u s–SE.

1.9 Il-laqgħa spiċċat fis-7:30pm.

| | |
|---|---|
| **Josette Micallef**<br>**Segretarju Eżekuttiv** | **Anthony Mifsud**<br>**Sindku** |